**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 31 t'Ottubru 2018**

**Talba Nru: 249/17 CZ**

**GSI Contractors Ltd.**

**vs**

**Konrad Cassar**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-12 ta' Mejju 2017 u li permezz taghha talbet minghand il-konvenut l-hlas ta' hamest'elef Euro (€5,000) u ppremettiet illi:

Is-socjeta' attrici hija kreditrici tal-intimat fl-ammont ta' hamest'elef Euro (€5,000) liema somma qed tigi ridotta mill-ammont ta' hamest'elef mija wiehed u disghin Euro u tlieta u tletin centezmu (€5,191.33) rapprezentanti xoghol ta'

installazzjoni ta' dawl u ilma fuq ordni tal-intimat gewwa l-fond Plot 4, Sqaq Numru 2, Triq Leonardo, Hal-Kirkop liema fond huwa propjeta tal-intimat.

Peress li l-intimat anke wara diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas inkluz permezz ta' ittra ufficcjali bin-numru 87/17 irrifjuta li jhallas, l-attur qed jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:

1. Jiddikjara lill-intimat bhala debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' hamest'elef Euro (€5,000).
2. Jordna lill-intimat ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont dovut u cioe' dak ta' hamest'elef Euro (€5,000).

Bl-ispejjez ta' din il-procedura inkluz dawk tal-ittra ufficcjali nmru 87/17 u bl-interessi kontra s-socjeta' konvenuta li hi minn issa ingunta in subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fis-16 ta' Novembru 2017, fejn eccepixxa:

1. Illi l-esponent qieghed jammetti t-talba limitatament ghall-amont ta' €1,272.38.
2. Illi l-esponent qieghed jikkontesta l-bilanc pretiz ossia €3,727.62 u dan stante li:
   i) Ix-xoghlijiet kollha ma twettqux mis-socjeta' rikorrenti; u
   ii) Certi xoghlijet kellhom jinbidlu billi ma sarux skond is-sengha u l-arti.
3. Illi fir-rigward ta' spejjez l-esponenti qieghed jipprotesta ghall-ispejjez ta' dawn il-proceduri billi l-espoent ripetutament offra li jhallas l-ammont ammess izda s-socjeta' rikorrenti ma accettatx il-hlas.

Bl-ispejjez.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda;

Sema' t-trattazzjoni ta' l-abbli avukati difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas ta' hamest'elef Euro (€5,000) ghal xoghlijie ta' dawl u ilma li ghamlet fil-fond tal-konvenut.

It-Tribunal qies ix-xiehda ta' Gary Camilleri[1], il-konvenut[2], l-Inginier Simon Abela[3], Gary Camilleri in kontro-ezami[4], Inginier Simon Abela in kontro-ezami[5].

Illi mix-xiehda ta' **Gary Camilleri** jirrizulta illi l-partijiet kienu qablu minn qabel fuq lista ta' prezzijiet ghal dan ix-xoghol ta' dawl u ilma li kellha taghmel is-socjeta' attrici. Is-socjeta' attrici fil-fatt kienet taqsam ix-xoghol fi tliet fazijiet, u kien meta kienu waslu biex jibdew it-tielet fazi li Camilleri kien mar fil-fond in kwestjoni u kien raha persuni ohra jaghmlu xoghol li suppost kien qed jaghmel hu. Camilleri kien

[1] Fol. 22A
[2] Fol. 40
[3] Fol. 90
[4] Fol. 94
[5] Seduta tat-28 ta' Mejju 2018

sussegwenement iltaqa' mal-konvenut u ma' l-inginier tieghu fuq il-post, fejn sussegwenement l-Inginier kien hareg rapport li s-socjeta' attrici qed tikkontesta.

Illi **l-konvenut** qal li kien hemm xi nuqqasijiet fosthom li s-socjeta' attrici kienet naqset li taghti xi pajpijiet minn taht il-kontrabejt u b'hek il-konvenut kellu jqatta' l-opra morta biex jghaddihom minn hemm. Is-socjeta' attrici kienet baghtet kont lill-konvenut, li kien zbaljat, peress li kien jinkludi affarijiet li ma sarux. Sussegwentement is-socjeta' attrici rrevediet i-kont taghha izda kien hemm xi affarijiet li halliethom fil-kont meta fil-fatt ma kinitx ghamlithom. Dan apparti li skond l-Inginier imqabbad mill-konvenut, kien hemm varji difetti fix-xoghol. Kien hemm zmien fejn is-socjeta' attrici kienet lesta taccetta elfejn, sitt mija u tmienja u sebghin Euro (€2,678) ghax-xoghol maghmul minnha.

It-Tribunal ra wkoll ir-rapport ta' l-**Inginier Simon Abela**[6], imqabbad mill-konvenut, li fih stabbilixxa sa liema grad ix-xoghlijiet kienu lesti, u dan permezz ta' persentaggi. Meta l-Inginier acceda fuq il-post, f'Lulju 2016, ix-xoghol ma kienx lest. Il-konvenut izda xehed illi minn wara li mar l-Inginier fuq il-post, is-socjeta' attrici m'ghamlitx xoghol iehor.

Illi rrizulta ampjament ghalhekk illi fix-xoghol maghmul mis-socjeta' attrici, kien hemm ammont ta' xoghlijiet li ma tlestwex u kien hemm xoghlijiet ohra li mhumiex skond l-arti u s-sengha. Filwaqt li s-socjeta' attrici tghid li waqfet tahdem f'dan il-post ghax rat lil haddiema ohra hemmhekk minflokha, il-konvenut jghid li s-socjeta' attrici waqfet ghaliex kien waqqafha hu minhabba li ma kinitx qed tahdem skond l-arti u s-sengha.

[6] Fol. 53 et seq.

Illi r-rapport ta' l-Inginier tal-konvenut stess jindika illi kien hemm xoghlijiet li saru, ghalkemm hemm gradi differenti ta' tlestija ghal kull oggett. Ladarba jidher li hemm qbil li dawn ix-xoghlijiet saru, minkejja li ma kinux tlestew, ghandu jirrizulta wkoll illi s-socjeta' attrici ghandha tithallas ghall-inqas ghal dak li lahqet ghamlet. A bazi ta' dak konkluz mill-Inginier Abela, il-konvenut ammetta parzjalment it-talba, sal-ammont ta' €1,272.38. It-Tribunal izda jara illi hemm lok illi s-socjeta' attrici tithallas aktar minn hekk, u dan ghar-ragunijiet migjuba minn Gary Camilleri, fosthom dik li fir-rapport ta' l-Inginier Abela kien hemm persentaggi ta' tkomplija li kienu ferm inqas milli suppost. Hafna mix-xoghol li kien baqa', skond Camilleri kien wiehed ta' *finishing*, bhal per ezempju biex titwahhal il-faccata ta' plakka. It-Tribunal ikkonsidra wkoll illi l-attur kien fi hsiebu jaccetta, f'certu punt, illi jsir il-hlas ta' €2,678 ghas-saldu, sabiex jinqatghu il-kwistjonijiet bejn il-partijiet. L-unika prova teknika li ghandu a dizpozizzjoni tieghu it-Tribunal hija r-rapport ta' l-Inginier Abela, u ghaldaqstant it-Tribunal irid iqis ir-rapport ta' dan l-Inginier, izda dan irid jitqies ukoll fid-dawl ta' kontestazzjoni ta' partijiet minnu da parti tas-socjeta' attrici. In kontro-ezami, Gary Camilleri[7] ghas-socjeta' attrici fil-fatt jispjega li hu ma qabilx mal-persentaggi ta' tlestija tax-xoghol li stabbilixxa l-Inginier Abela, ghaliex skond hu l-istadju ta' tlestija tax-xoghlijiet kienet ferm aktar avvanzata minn dak li qal l-Inginier Abela, u dan cioe' peress li hafna mix-xoghol sabiex jitlesta kien jinvolvi biss li titwahhal 'litteralment il-face tal-plakka biss'. It-Tribunal f'dan il-kaz ma setax jistabbilixxi b'mod oggettiv huwa stess sa liema stadju kienu tlestew ix-xoghlijiet, izda jara kredibbli l-verzjoni ta' Gary Camilleri sal-punt illi hafna mix-xoghol kien jonqsu biss illi titwahhal il-faccata tal-plakka. Ghalhekk it-Tribunal sejjer jillikwida hu somma *arbitrio boni viri* li tkun tinkludi s-somma ammessa mill-konvenut stess kif ukoll somma ohra ta' elf u mitejn Euro (€1,200) li tirraprezenta x-xoghol li sar mis-socjeta' attrici u li izda l-Inginier Abela fir-rapport tieghu naqas li japprezza, kif indikat u spjegat f'dan il-paragrafu. It-Tribunal qed jillikwida s-somma appena msemmija, u cioe' wahda inqas minn dik mitluba mis-socjeta' attrici, in vista tal-fatt ukoll illi rrizulta illi l-konvenut kellu jaghmel mill-gdid xi xoghlijiet li kienu saru hazin mis-socjeta' attrici, kif indikat fir-rapport ta' l-Inginier Abela, u dan irrilevantement

[7] Fol. 94 et seq.

minn jekk il-konvenut dahhalx tempestivament jew le haddiema ohra jahdmu fuq ix-xoghol tas-socjeta’ attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa’ parzjalment it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, jilqa’ parzjalment ukoll it-talbiet tas-socjeta’ attrici u jordna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn, erba’ mija u tnejn u sebghin Euro u tmienja w tletin centezmu (€2,472.38), bl-imghax mil-lum sad-data tal-hlas effettiv. Fic-cirkostanzi, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu’

Deputat Registratur